KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fid-29 ta' Lulju 2019 [1]

Kawża C-460/18 P

HK
vs

Il-Kunsill u Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell – Servizz Pubbliku – Pensjonijiet – Pensjoni tas-superstiti – Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal – Kundizzjonijiet għall-għoti – Kunċett ta' 'konjuġi superstiti' – Kundizzjoni ta' anzjanità taż-żwieġ – Sħubijiet mhux matrimonjali – Koppji *de facto* – Ugwaljanza fit-trattament – Proporzjonalità – Artikoli 20 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

1. Permezz ta' dan l-appell, l-appellant jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Mejju 2018, HK vs Il-Kummissjoni (T-574/16, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2018:252), li ċaħdet ir-rikors tiegħu għal annullament, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjutalu, b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-benefiċċju ta' pensjoni tas-superstiti minħabba tul ta' żwieġ ta' inqas minn sena mal-uffiċjal li mietet u minħabba assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodu ta' konkubinaġġ preċedenti.

2. Minbarra l-problema klassika tal-motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, din il-kawża tagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi, għall-ewwel darba, dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal mal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), fid-dawl, minn naħa, tas-sitwazzjoni tal-koppji konkubini u, min-naħa l-oħra, tal-koppji miżżewġa għal inqas minn sena fil-mument tal-mewt tal-konjuġi uffiċjal u dawk li jilħqu ż-żmien meħtieġ kieku kellu jitqies il-perijodu preċedenti ta' ħajja flimkien.

3. Din il-kwistjoni ta' dimensjoni soċjali innegabbli hija evidentement ta' interess kbir għall-membri tas-servizz pubbliku Ewropew.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

I. Il-kuntest ġuridiku

4. Ir-Regolamenti tal-Persunal huma annessi għar-Regolament Nru 31 (KEE)/11 (KEEA) li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika [2]. Dan ir-regolament ġie emendat diversi drabi, u b'mod partikolari fl-2004, permezz tar-Regolament tal-Kunsill Nru 723/2004 (KE, Euratom) tat-22 ta' Marzu 2004, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej [3].

5. Skont l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża:

"1. Fl-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kull diskriminazzjoni bbażata fuq kull raġuni, bħas-sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, ilsien, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, sħubija f'minorita nazzjonali, proprjetà, twelid, disabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali, hija pprojbita.

Għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, sħubija mhux maritali għandha tkun ittrattata bħala żwieġ sakemm il-kondizzjonijiet kollha mniżżla fl-Artikolu 1(2)(ċ) ta' l-Anness VII jitħarsu.

[…]

5. Meta persuni koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, li jikkunsidraw li saret inġustizzja magħhom għax il-prinċipju tat-trattament indaqs kif ipreżentat hawn fuq ma kienx applikat magħhom, jistabbilixxu l-fatti li jista' jkun presunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, ikun fuq l-istituzzjoni li tipprova li ma kienx hemm ksur fil-prinċipju tat-trattament indaqs. Din id-disposizzjoni ma tgħoddx fil-proċeduri dixxiplinarji.

6. Waqt li jkun irrispettat il-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-prinċipju tal-proporzjonalità, kull limitazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom trid tkun iġġustifikata fuq bażijiet oġġettivi u raġonevoli, u trid tkun immirata lejn oġġetti leġittimi fl-interess ġenerali fil-qafas tal-politika tal-persunal. It-tali oġġettivi jistgħu partikolarment jiġġustifikaw li tkun stipulata età mandatarja ta' rtirar u età minima biex tieħu pensjoni ta' rtirar."

6. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

"Is-sieħba li tibqa' ħajja ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal għandha tkun intitolata, fil-mod ipprovdut fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII, għal pensjoni għal min jibqa' ħaj [pensjoni tas-superstiti] daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invalidità li kienet titħallas lill-mejjet, jew li, jkun xi jkun it-tul tas-servizz jew ta' l-età, kieku kieket titħallas lilu li kieku kkwalifika għaliha meta miet."

7. L-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Anness VII għar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdu li:

"1. Il-benefiċċju tal-familja għandu jkun stabbilit bħala ammont bażiku ta' 170,52EUR,

bl-addizzjoni ta' 2 % tas-salarju bażiku ta' uffiċjal.

2. L-allowance tal-familja għand[ha] [t]ingħata lil:

(a) uffiċjal miżżewweġ;

2 ĠU 1962, 45, p. 1385.

3 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 2, p. 130.

(b) uffiċjal li huwa armel, iddivorzjat, separat legalment, jew mhux miżżewweġ u għandu tfal dipendenti wieħed jew aktar fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) jew (3) t'hawn taħt,

(ċ) uffiċjal li huwa rreġistrat bħala sieħeb stabbli, mhux miżżewweġ, sakemm:

(i) il-koppja tipproduċi dokument legali, rikonoxxut bħal tali minn Stat Membru, jew kull awtorità kompetenti ta' Stat Membri, li tirrikonoxxi l-istat[us] tagħhom bħala sħab [imsieħba] mhux miżżewġa;

(ii) l-ebda sieħeb m'hu qiegħed f'relazzjoni maritali, jew f'xi relazzjoni oħra mhux maritali,

(iii) l-imsieħba ma jiġux min[n] xulxin b'xi mod li ġej: ġenitur, iben/bint, nannu/nanna, neputi tan-nanniet, ħu, oħt, ziju, zij[a], neputi, neputija, ħaten, ħtint;

(iv) il-koppja m'għandhiex aċċess għal żwieġ legali fi Stat Membru, il-koppja għandha titqies li għandha aċċess għal żwieġ legali għall-iskopijiet ta' dan il-punt biss fejn il-membri tal-koppja jħarsu l-kondizzjonijiet kollha mniżżla mil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li jippermetti ż-żwieġ tat-tali koppja;

(d) b'deċiżjoni raġunata speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ, uffiċjal li, għalkemm ma jaqax taħt il-kondizzjonijiet imniżżel f'(a), (b) u (ċ), xorta waħda attwalment jassumi responsabbiltajiet tal-familja."

8. L-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi dan li ġej fir-rigward tal-pensjoni tas-superstiti għall-konjuġi superstiti:

"Meta uffiċjali imut waqt li jkollu wieħed mill-istatus amministrattivi mniżżla fl-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Persunal, is-sieħeb li jibqa' ħaj għandu jkun intitolat, sakemm il-koppja kienu miżżewġin għall-anqas sena fil-ħin tal-mewt tiegħu u suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(1) u 22 [tal-Anness VIII tar-Regolament tal-Persunal], għal pensjoni tas-sieħeb li għadu ħaj daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li l-uffiċjali ikun jiġi mħallas kieku kien kwalifikat, irrispettivament mid-dewmien tas-servizz jew l-età, għal tali pensjoni fil-ħin tal-mewt tiegħu.

Id-dewmien taż-żwieġ m'għandhux jittieħed in konsiderazzjoni jekk hemm wild wieħed jew aktar miż-żwieġ jew minn żwieġ ieħor ta' l-uffiċjal sakemm is-sieħeb li jibqa' ħaj imantni jew kien imantni dawk l-ulied, jew jekk il-mewt ta' l-uffiċjal tirriżulta jew minn disabilta fiżika jew mard li ġie waqt it-twettiq tad-doveri tiegħu jew minn aċċident."

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

9. HK, l-appellant, u N bdew il-ħajja komuni tagħhom fis-sena 1994, f'Liège (il-Belġju).

10. N kienet uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u ġiet assenjata liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) f'Sevilla (Spanja) mis-16 ta' Mejju 2005.

11. Peress li kien isofri minn dijabete tat-tip II, l-appellant ġie prekluż milli jaħdem jew milli jsegwi taħriġ, u N kienet tipprovdi, f'dawn iċ-ċirkustanzi, għall-bżonnijiet tal-koppja.

12. L-appellant u N iżżewġu f'Liège fid-9 ta' Mejju 2014.

13. N mietet fil-11 ta' April 2015.

14. Fl-14 ta' April 2015 il-Kummissjoni informat lill-appellant bil-fomm, li huwa ma kellux dritt għal pensjoni tas-superstiti (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

15. Fil-15 ta' Ġunju 2015, huwa ressaq ilment kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

16. Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni ċaħdet dan l-ilment għar-raġuni ta' tul insuffiċjenti taż-żwieġ, jiġifieri inqas minn sena, peress li, barra minn hekk, il-perijodu minn qabel ta' konkubinaġġ ma setax jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jintlaħaq it-tul meħtieġ.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

17. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea fit-18 ta' Frar 2016, l-appellant ippreżenta rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u għall-kumpens għad-dannu morali mġarrab.

18. Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192[4], din il-kawża ġiet ittrasferita lill-Qorti Ġenerali fl-istat li kienet tinsab fih fil-31 ta' Awwissu 2016.

19. Fir-rigward tat-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-appellant invoka eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal, sostnuta minn żewġ ilmenti bbażati, l-ewwel nett, fuq in-natura "arbitrarja u inadegwata" tal-kriterju ta' eliġibbiltà għall-pensjoni tas-superstiti u, it-tieni nett, fuq diskriminazzjoni bbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta u tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[5].

20. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu u kkundannat lil HK għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

IV. It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. Fit-12 ta' Lulju 2018, l-appellant ippreżenta appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali u talab li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat;

– tannulla s-sentenza appellata;

– tagħti deċiżjoni billi tilqa' t-talbiet li huwa ressaq fl-ewwel istanza, inkluż il-kundanna għall-ispejjeż tal-konvenuta; jew, fin-nuqqas ta' dan,

– tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi, u f'dan il-każ l-ispejjeż tal-appell ikollhom jiġu mħallsa skont l-Artikolu 184 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

22. Il-Kummissjoni titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-appellant jiġi kkundannat għall-ispejjeż kollha.

23. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, intervenjent insostenn tal-Kummissjoni fl-ewwel istanza, talab li tinżamm seduta abbażi tal-Artikolu 76(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, liema talba ntlaqgħet.

4 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 2016, dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġuriżdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137).

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

24. Il-partijiet instemgħu fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Mejju 2019.

V. Analiżi ġuridika

25. Fil-kuntest ta' din l-analiżi, jidhirli neċessarju li ngħaddi, qabel kollox, għall-eżami tal-kritika tal-appellant fir-rigward tal-osservanza mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, li jidhirli li hija fondata u twassal sabiex nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tannulla s-sentenza appellata fuq din il-bażi. Fir-rigward ta' dan l-approċċ u tas-seħħ tal-kundizzjonijiet għall-finijiet ta' evokazzjoni tal-kawża, sussegwentement, saret evalwazzjoni tal-ammissibbiltà u tal-fondatezza tar-rikors ippreżentat mill-appellant quddiem il-Qorti Ġenerali u li abbaži tagħha qiegħed jiġi propost l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-għoti tal-pensjoni tas-superstiti lill-appellant.

A. Fuq l-appell

26. L-appellant iqajjem żewġ aggravji insostenn tal-appell tiegħu, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll motivazzjoni ekwivoka, inkoerenti u kontradittorja tas-sentenza appellata, u, it-tieni wieħed, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll fuq motivazzjoni insuffiċjenti tas-sentenza appellata.

27. Jidher li, billi għamel hekk, l-appellant għaqqad, fiż-żewġ aggravji tiegħu għal annullament, kritika dwar l-obbligu ta' motivazzjoni li għandha l-Qorti Ġenerali, minn naħa, u dwar il-fondatezza tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata, min-naħa l-oħra, kwistjonijiet distinti li jeħtieġu eżami separat.

28. Rigward l-obbligu ta' motivazzjoni, ta' min ifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni tas-sentenza appellata għandha turi r-raġunament tal-Qorti Ġenerali b'mod ċar u inekwivoku, b'mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha [6].

29. Il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali hijiex kontradittorja jew insuffiċjenti tikkostitwixxi kwistjoni ta' dritt li tista', bħala tali, tiġi invokata fil-kuntest ta' appell [7]. Barra minn hekk, il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tas-sentenzi mill-Qorti Ġenerali jikkostitwixxi motiv ta' ordni pubbliku li jrid jiġi mqajjem mill-qorti tal-Unjoni [8].

30. L-evalwazzjoni tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata timplika qabelxejn li jitfakkar is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġifieri talba prinċipali għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża bbażata fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal sostnuta minn żewġ ilmenti bbażati, l-ewwel nett, fuq in-natura "arbitrarja u inadegwata" tal-kriterju ta' eliġibbiltà għall-pensjoni tas-superstiti u, it-tieni nett, fuq diskriminazzjoni bbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta u tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78.

6 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2015, EMA vs Il-Kummissjoni (C-100/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:382, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tas-26 ta' Mejju 2016, Rose Vision vs Il-Kummissjoni (C-224/15 P, EU:C:2016:358, punt 24).

7 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (C-3/06 P, EU:C:2007:88, punt 45), u tad-19 ta' Diċembru 2012, Planet vs Il-Kummissjoni (C-314/11 P, EU:C:2012:823, punt 63).

8 Ara s-sentenza tal-11 ta' April 2013, Mindo vs Il-Kummissjoni (C-652/11 P, EU:C:2013:229, punt 30).

31. Dawn iż-żewġ ilmenti formalment distinti jaqgħu fil-verità taħt kritika waħda li tirrigwarda l-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament [9], li issa huwa stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, li jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat [10].

32. Differenzjazzjoni ta' żewġ kategoriji ta' persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli tista' tkun oġġettivament iġġustifikata minn kull għan leġittimu, sakemm il-miżura inkwistjoni tkun xierqa u neċessarja għat-twettiq ta' dan l-għan, fatt li huwa kkontestat preċiżament mill-appellant billi jargumenta dwar in-natura "arbitrarja u inadegwata" tal-kundizzjoni li biha l-konjuġi superstiti għandu jkun ilu konjuġi minn tal-inqas sena, fil-mument tal-mewt tal-uffiċjal, sabiex ikun jista' jibbenefika mill-pensjoni tas-superstiti.

33. Issa, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement eżaminat suċċessivament iż-żewġ ilmenti mingħajr ma wettqet xi kwalifika, li fil-fehma tiegħi huwa l-oriġini ta' motivazzjoni li ma turix b'mod ċar ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali.

34. F'dan ir-rigward, l-appellant isostni li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata hija "ekwivoka, inkoerenti u kontradittorja". Huwa jindika, b'mod partikolari, li l-Qorti Ġenerali tinterpreta l-kunċett ta' "konjuġi" fis-sens li jirreferi esklużivament għall-istatus ta' żwieġ f'ċerti punti waqt li tqiegħed fuq l-istess livell il-kunċetti ta' "konjuġi" u ta' "sħubija mhux maritali" f'punti oħra tas-sentenza.

35. Għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ewwel ilment imqajjem mill-appellant, il-Qorti Ġenerali tat interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konjuġi superstiti" sabiex tikkonstata, fil-punt 23 tas-sentenza appellata, li d-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal huma ċari u preċiżi, u jesponu, mingħajr ambigwità, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex wieħed jibbenefika minn pensjoni tas-superstiti, jiġifieri "kienu miżżewġin għall-anqas sena fil-ħin tal-mewt tiegħu".

36. B'hekk, il-Qorti Ġenerali tagħmel assimilazzjoni esklużiva bejn il-kunċett ta' "konjuġi" u l-istatus maritali li hija tirrepeti fil-punti 25 u 30 [11], b'riferiment għas-sens ordinarju ta' dan il-kunċett, u fil-punti 27 sa 29, fir-rigward tal-universalità tal-kunċett ta' "żwieġ" bħala forma ta' unjoni ċivili rrikonoxxuta fl-Istati Membri kollha, li toħloq obbligi ġuridiċi speċifiċi, b'kuntrast mas-sħubija mhux maritali jew mal-konkubinaġġ.

37. Huwa, għalhekk, tal-inqas sorprendenti li wieħed jaqra fil-punt 32 tas-sentenza appellata, li jikkostitwixxi wkoll punt konklużiv, li, billi jillimita l-għoti tal-imsemmija pensjoni lill-persuni miżżewġa ċivilment "kif ukoll lill-imsieħba rreġistrati u li ma għandhomx aċċess għaż-żwieġ", il-leġiżlatur tal-Unjoni ma aġixxiex b'mod arbitrarju.

38. Jirriżulta b'mod ċar minn dan il-punt li l-benefiċċju tal-pensjoni tas-superstiti ma huwiex għalhekk irriżervat għall-konjuġi superstiti mifhum fis-sens esklużivament maritali, b'mod kuntrarju għal dak li ġie indikat sa dak iż-żmien, mingħajr ma tingħata ebda spjegazzjoni mill-Qorti Ġenerali li tippermetti li din l-indikazzjoni tinftiehem bħala ftuħ tad-dritt għal pensjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, f'sitwazzjoni ta' sħubija mhux maritali.

9 L-ilment ibbażat fuq in-natura "arbitrarja u inadegwata" huwa r-riproduzzjoni parzjali tal-punt 72 tas-sentenza tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni (C-485/08 P, EU:C:2010:188), imsemmi fil-punt 19 tar-rikors, li jagħti risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-eżami ta' motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Din l-analiżi tal-argument tal-appellant hija kondiviża mill-Kunsill (punt 6 tan-nota ta' intervent) u l-Kummissjoni (punt 2 tal-osservazzjonijiet dwar in-nota ta' intervent tal-Kunsill).

10 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2008, Wood (C-164/07, EU:C:2008:321, punt 13), u tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, punt 48).

11 Fil-punt 31 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat b'mod espliċitu li l-kunċett ta' "konjuġi" ikopri "esklużivament" relazzjoni bbażata fuq iż-żwieġ ċivili fis-sens tradizzjonali tat-terminu.

39. Fil-punt 28 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kienet ċertament issottomettiet, iżda f'formula evażiva, li "ż-żwieġ ma [kienx] fil-prinċipju paragunabbli mal-konkubinaġġ jew ma' sitwazzjonijiet oħra ta' fatt", fejn l-użu tal-espressjoni "fil-prinċipju" jagħti x'jifhem li jista' jkun mod ieħor b'eċċezzjoni, mingħajr iktar preċiżjoni.

40. Fir-rigward tal-evalwazzjoni tat-tieni lment imqajjem mill-appellant ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, il-Qorti Ġenerali tafferma mill-ġdid, fil-punti 48, 51 u 53 tas-sentenza appellata, ir-rabta esklużiva bejn il-konjuġi superstiti u l-istatus maritali, peress li t-test ta' paragunabbiltà sar bejn is-sitwazzjoni ta' uffiċjal mejjet li għex f'unjoni libera u dik ta' uffiċjal "li kien miżżewweġ".

41. Madankollu, fil-punt 47 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tistabbilixxi li l-kundizzjoni ta' għoti tal-pensjoni tas-superstiti hija kkostitwita min-natura ġuridika tar-rabtiet bejn l-uffiċjal mejjet "u l-konjuġi jew is-sieħeb superstiti", mingħajr ebda preċiżazzjoni oħra, għal darba oħra, dwar is-sħubija u l-portata eżatta ta' dan il-kunċett, li jista' jkopri s-sitwazzjoni ta' koppja legali bi sħubija mhux maritali uffiċjalment irreġistrata, li hija inkwistjoni fil-punt 32 tas-sentenza appellata, jew ta' koppja ta' fatt bħal dik f'konkubinaġġ bħalma kienu l-appellant u l-uffiċjal li mietet qabel ma żżewġu.

42. Il-Kummissjoni ssostni li l-punt 47 għandu jiġi interpretat fir-rigward tal-użu tal-konġunzjoni "jew" li timplika evalwazzjoni distintiva ta' kull sitwazzjoni msemmija, bl-ewwel waħda biss, bl-eżistenza ta' żwieġ, tippermetti l-eliġibbiltà għall-pensjoni tas-superstiti.

43. Din l-interpretazzjoni hija madankollu kontradetta mill-punt 32 tas-sentenza appellata mfakkar iktar 'il fuq.

44. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata ma turix b'mod ċar u li jinftiehem ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-benefiċjarji tal-pensjoni tas-superstiti, sitwazzjoni li, fil-fehma tiegħi, oriġinat minn analiżi mhux kompluta tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li jirrigwardaw il-kwistjoni tal-għoti tal-imsemmija pensjoni.

45. Il-Qorti Ġenerali sempliċement ikkwotat l-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, filwaqt li naqset milli tirreferi għal dispożizzjonijiet oħra rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri l-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal iżda wkoll, u fuq kollox, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1d(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 1(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

46. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 1d(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jestendi l-vantaġġi u d-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus mogħti lill-uffiċjali miżżewġin lill-imsieħba mhux miżżewġa kollha iżda, skont ir-riferiment għall-Artikolu 1(2)(c) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, biss għal dawk li s-sħubija maritali tagħhom hija uffiċjalment irreġistrata u li ma għandhomx aċċess għaż-żwieġ [12].

47. L-Artikolu 1(2)(c) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal moqri flimkien mal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jestendi għaldaqstant id-dritt għall-pensjoni tas-superstiti għall-koppji involuti f'unjoni uffiċjalment irreġistrata u li ma għandhomx aċċess għaż-żwieġ f'ċertu numru ta' Stati Membri, fejn is-sitwazzjoni inkwistjoni tkun dik ta' koppji tal-istess sess.

48. B'hekk jidher li l-kunċett ta' "konjuġi superstiti" ma jistax jiġi assimilat esklużivament mal-istatus maritali.

12 L-Artikolu 1(2)(c) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi wkoll li ebda wieħed mill-imsieħba ma għandu jkun miżżewweġ u lanqas ikun f'relazzjoni oħra mhux maritali u li l-imsieħba ma għandhomx ikunu jiġu minn xulxin b'ċerti rabtiet ta' parentela.

49. Dan il-qari flimkien tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal rilevanti jista' jispjega kif huwa fformulat il-punt 32 tas-sentenza appellata li jgħid li l-għoti tal-pensjoni tas-superstiti huwa limitat għal persuni miżżewġin ċivilment "kif ukoll għall-imsieħba rreġistrati u li ma għandhomx aċċess għaż-żwieġ", iżda s-sentenza ma ssemmihomx.

50. Issa, il-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tas-suġġetti tad-dritt tiegħu hija strettament marbuta ma' dik tan-natura paragunabbli tas-sitwazzjonijiet meqjusa sabiex tiġi vverifikata l-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni mal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament.

51. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tivverifika jekk is-sitwazzjoni ta' uffiċjal mejjet li għex f'unjoni libera, stabbli u ta' tul ta' żmien twil u li jkun ta benefiċċju lis-sieħeb tiegħu mid-dħul tiegħu hijiex paragunabbli għal dik ta' uffiċjal mejjet li kien miżżewweġ, bla ma jissemma l-każ tal-imsieħba rreġistrati li ma għandhomx aċċess għaż-żwieġ [13], iżda msemmi fil-punt 32 tas-sentenza, minkejja li l-appellant kien invoka, b'mod partikolari, il-paragunabbiltà tal-koppji legali u tal-koppji *de facto* sabiex isostni l-allegazzjoni tiegħu ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

52. Din il-kategorizzazzjoni u paragun uniċi tas-sitwazzjonijiet ukoll jagħmlu diffiċli l-fehim tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-ilment dwar in-natura "arbitrarja u inadegwata" tal-kundizzjoni ta' tul minimu ta' sena taż-żwieġ, meta wieħed jiftakar li l-appellant kien tabilħaqq miżżewweġ mal-uffiċjal mejta u ġie rrifjutat milli jingħata l-pensjoni tas-superstiti minħabba li kienu ilhom miżżewġin inqas minn sena u, barra minn hekk, minħabba r-rifjut li jittieħed inkunsiderazzjoni l-perijodu ta' konkubinaġġ preċedenti.

53. Il-Qorti Ġenerali tillimita ruħha li tikkonstata, fil-punt 35 tas-sentenza appellata, li l-kundizzjoni ta' tul minimu ta' sena ta' żwieġ "sabiex jintlaħaq l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi ma hijiex inadegwata" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [14], li jirrifletti neċessarjament it-teħid inkunsiderazzjoni ta' għan leġittimu ta' differenzjazzjoni ta' sitwazzjonijiet paragunabbli u l-implimentazzjoni ta' stħarriġ ta' proporzjonalità, iżda mingħajr ma huwa possibbli li wieħed jifhem kif il-Qorti Ġenerali waslet għal din il-konklużjoni biss mill-paragun tas-sitwazzjonijiet u li wassalha għall-affermazzjoni tan-natura mhux paragunabbli tagħhom.

54. Il-qari tal-punti 35 u 36 tas-sentenza appellata juri wkoll ir-raġunament ekwivoku tal-Qorti Ġenerali, peress li din tal-aħħar fl-ewwel punt tikkonstata n-natura xierqa tal-kundizzjoni ta' tul ta' sena għat-twettiq tal-"għan tal-ġlieda kontra l-frodi" qabel ma tikkonkludi fit-tieni punt li l-kriterju doppju ta' żwieġ ċivili ta' tul ta' iktar minn sena ma huwiex "b'hekk" la arbitrarju u lanqas inadegwat fir-rigward tal-"għan imfittex mill-pensjoni tas-superstiti".

55. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ssemmi żewġ kunċetti distinti, jiġifieri l-għan leġittimu li jiġġustifika d-differenza ta' sitwazzjonijiet paragunabbli u l-għan tal-pensjoni tas-superstiti li fir-rigward tiegħu għandu jiġi vverifikat jekk is-sitwazzjoni fattwali u legali tal-persuni kkonċernati hijiex paragunabbli, mingħajr ma tispjega r-relazzjoni kawżali bejn iż-żewġ punti u b'hekk toħloq konfużjoni bejn dawn iż-żewġ kunċetti.

13 Din l-osservazzjoni hija indipendenti minn kwalunkwe identità possibbli fir-rigward tar-riżultat tat-test ta' paragunabbiltà wara l-inklużjoni ta' din it-tieni kategorija ta' persuni.

14 Minbarra n-natura intrinsikament espliċita tal-ilment dwar in-natura "arbitrarja u inadegwata" tal-kundizzjoni ta' tul minimu ta' sena taż-żwieġ, l-appellant żviluppa, kuntrarjament għal dak li indikat il-Qorti Ġenerali fil-punt 34 tas-sentenza appellata, argument kritiku tal-għan ta' differenzjar fil-punti 14 sa 16 tal-osservazzjonijiet tiegħu fuq in-nota ta' intervent tal-Kunsill.

56. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel ma' din l-analiżi, hemm lok li jiġi kkonstatat ksur mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni, peress li l-motivi ekwivoċi tas-sentenza appellata ma jippermettux lill-appellant jifhem ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar l-allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li fuqu hija bbażata l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, u b'mod partikolari maċ-ċaħda tar-rikors tiegħu, u lanqas lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha fuq dan il-punt.

57. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' kompletezza, ninnota li, fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni talbet l-inammissibbiltà tat-talbiet għal annullament billi invokat in-nuqqas ta' konkordanza bejn l-ilment u r-rikors, peress li l-ewwel dokument ma kienx jinkludi l-allegazzjoni ta' eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

58. Issa, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument baqa' mingħajr risposta fis-sentenza appellata li lanqas biss irreferiet għalih.

59. Ta' min ifakkar li, fil-kuntest tal-appell, l-għan tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa, b'mod partikolari, li jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali rrispondietx b'mod suffiċjenti fid-dritt għall-argumenti kollha invokati mill-appellant [15].

60. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ukoll li l-motiv ibbażat fuq nuqqas ta' risposta mill-Qorti Ġenerali għal argumenti invokati fl-ewwel istanza kien jikkostitwixxi, essenzjalment, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għall-Qorti Ġenerali skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess Statut u l-Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali [16], filwaqt li jitfakkar li l-motiv ibbażat fuq il-ksur ta' tali obbligu jikkostitwixxi motiv ta' ordni pubbliku li għandu jitqajjem mill-qorti tal-Unjoni kif dan ġie ppreċiżat iktar 'il fuq.

61. Is-sentenza appellata b'hekk fiha nuqqas ta' motivazzjoni manifest fir-rigward tal-ilment ta' inammissibbiltà tar-rikors.

62. Konsegwentement, fir-rigward ta' dawn iż-żewġ nuqqasijiet fl-obbligu ta' motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali u mingħajr il-bżonn li jiġu eżaminati l-motivi fuq il-mertu invokati mill-appellant insostenn tal-appell tiegħu, fil-fehma tiegħi, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

63. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċidiha din.

64. F'dan il-każ, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja tinsab f'sitwazzjoni li tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal imqajma mill-appellant matul il-proċedura fl-ewwel istanza, sa fejn, minn naħa waħda, l-espożizzjoni tal-fatti neċessarji għad-deċiżjoni tidher kompleta, suffiċjenti u ma hija s-suġġett ta' ebda diskussjoni bejn il-partijiet, u, min-naħa l-oħra, l-elementi tal-kawża kienu b'mod kontradittorju ġew diskussi quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, l-interess tal-appellant li jikseb deċiżjoni definittiva malajr għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, billi huwa mfakkar li t-talba tiegħu għall-għoti tal-pensjoni tas-superstiti tmur lura għax-xahar ta' April 2015.

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, EU:C:1998:608, punt 128); tad-29 ta' April 2004, British Sugar vs Il-Kummissjoni (C-359/01 P, EU:C:2004:255, punt 47); u tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 244).

16 Ara s-sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Gogos vs Il-Kummissjoni (C-583/08 P, EU:C:2010:287, punt 29), u d-digriet tal-31 ta' Marzu 2011, EMC Development vs Il-Kummissjoni (C-367/10 P, mhux ippubblikat, EU:C:2011:203, punt 46).

B. Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

65. L-evokazzjoni għandha twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi fuq it-tilwima kif ippreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali u għalhekk ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq l-aggravji, u lanqas fuq l-inammissibbiltà tal-ewwel wieħed minn dawk l-aggravji mqajma mill-Kunsill matul is-seduta tas-sottomissjonijiet orali.

66. Fl-ewwel istanza, l-appellant talab għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u, "jekk ikun meħtieġ", għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, talbiet għal annullament imressqa formalment kontra d-deċiżjoni li tiċħad ilment għandhom l-effett, meta din id-deċiżjoni tkun nieqsa minn kontenut awtonomu, li jressqu quddiem il-Qorti Ġenerali l-att li kontra tiegħu jkun imressaq l-ilment [17]. Peress li d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment f'dan il-każ hija nieqsa minn kontenut awtonomu, ir-rikors għandu jiġi kkunsidrat bħala dirett kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

1. Fuq l-ammissibbiltà

67. Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni talbet l-inammissibbiltà tat-talbiet għal annullament billi invokat in-nuqqas ta' konkordanza bejn l-ilment u r-rikors, peress li l-ewwel dokument ma kienx jinkludi l-allegazzjoni ta' eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

68. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li r-regola ta' konkordanza bejn l-ilment, skont l-Artikolu 91(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u r-rikors sussegwenti tirrikjedi, taħt piena ta' inammissibbiltà, li motiv imqajjem quddiem il-qorti tal-Unjoni jkun diġà tqajjem fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża, sabiex l-Awtorità tal-Ħatra tkun f'pożizzjoni li tkun taf b'mod preċiż biżżejjed il-kritika li l-parti kkonċernata ser tagħmel kontra d-deċiżjoni kontenzjuża [18].

69. Minn dan jirriżulta li, fir-rikorsi ta' uffiċjali, it-talbiet ippreżentati quddiem il-qorti tal-Unjoni jistgħu jinkludu biss kapijiet ta' kontestazzjoni bbażati fuq l-istess raġuni bħal dik li huma bbażati fuqha l-kapijiet ta' kontestazzjoni invokati fl-ilment, waqt li huwa ppreċiżat li dawn il-kapijiet ta' kontestazzjoni jistgħu jiġu żviluppati, quddiem il-qorti tal-Unjoni, billi jiġu ppreżentati motivi u argumenti li ma humiex neċessarjament fl-ilment, iżda li huma relatati mill-qrib magħhom [19].

70. Madankollu, ġie speċifikat, minn naħa, li, peress li l-proċedura prekontenzjuża kellha natura informali u li b'mod ġenerali l-persuni interessati aġixxew f'dan l-istadju mingħajr l-użu ta' avukat, l-amministrazzjoni ma kellhiex tinterpreta l-ilmenti b'mod restrittiv, iżda kellha, kuntrarjament, teżaminahom b'mod wiesa' u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal ma kellux l-għan li jorbot, b'mod rigoruż u definittiv, il-fażi kontenzjuża eventwali, peress li r-rikors kontenzjuż la jemenda r-raġuni u lanqas is-suġġett tal-ilment [20].

71. F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-ilment ġie redatt mill-appellant biss mingħajr ma jagħmel riferiment għal eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, u huwa osservat li r-redazzjoni tiegħu ssegwi sempliċi komunikazzjoni orali ta' rifjut tal-għoti tal-pensjoni tas-superstiti għal tul ta' żwieġ insuffiċjenti. F'dan l-ilment, l-appellant ikkontesta l-pożizzjoni

17 Ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 1989, Vainker vs Il-Parlament (293/87, EU:C:1989:8, punt 8).

18 Ara s-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki (T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 71), u tal-4 ta' Lulju 2014, Kimman vs Il-Kummissjoni (T-644/11 P, EU:T:2014:613, punt 43).

19 Ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2014, Kimman vs Il-Kummissjoni (T-644/11 P, EU:T:2014:613, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki (T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tal-Kummissjoni billi afferma l-unjoni tul il-ħajja tiegħu mal-uffiċjal li mietet għal iktar minn għoxrin sena fil-kuntest ta' konkubinaġġ. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-artikolu ċċitat iktar 'il fuq minħabba ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandha titqies li hija marbuta suffiċjentement mill-qrib mal-ilment.

72. Fi kwalunkwe każ, ġie deċiż li l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba fir-rikors għandha tiġi ddikjarata ammissibbli, b'deroga għar-regola ta' konkordanza [21].

2. Fuq it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-għoti tal-pensjoni tas-superstiti

73. Huwa paċifiku li r-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali huwa bbażat esklużivament fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal li ma hemmx dubju dwar l-ammissibbiltà tiegħu, peress li d-deċiżjoni kontenzjuża hija essenzjalment ibbażata fuq din id-dispożizzjoni.

74. Kif dan ġie indikat iktar 'il fuq, l-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jagħmel parti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li jiddeterminaw is-sistema legali tal-pensjoni tas-superstiti.

75. L-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi, għall-konjuġi superstiti tal-uffiċjal, id-dritt li jirċievi tali pensjoni u l-ammont tagħha suġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu 4 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jinkludi l-Artikolu 17 li jirrikjedi li l-konjuġi superstiti jkun ilu tali għal mill-anqas sena.

76. Barra minn hekk, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1d(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxi li s-sħubijiet mhux maritali huma ttrattati bl-istess mod bħaż-żwieġ sakemm il-kundizzjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 1(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ikunu ssodisfatti, li jkopri, għal tnejn minnhom, sħubija uffiċjalment irreġistrata u assenza ta' aċċess għaż-żwieġ ċivili għall-koppja kkonċernata.

77. Meta applikat dawn id-dispożizzjonijiet għall-evalwazzjoni tat-talba tal-għoti ta' pensjoni tas-superstiti mill-appellant, il-Kummissjoni kkunsidrat li, għalkemm il-persuna interessata kellha l-istatus ta' konjuġi superstiti fid-dawl taż-żwieġ tagħha mal-uffiċjal mejjet, il-kundizzjoni marbuta mat-tul ta' dan iż-żwieġ ma kinitx issodisfatta. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' ħajja komuni ta' iktar minn 20 sena fil-kuntest ta' konkubinaġġ ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni, peress li l-kundizzjoni ta' assimilazzjoni ta' sħubija mhux maritali maż-żwieġ, prevista fl-Artikolu 1(2)(c)(iv) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u relatata mal-assenza ta' aċċess għaż-żwieġ ċivili fi Stat Membru ma kinitx issodisfatta.

78. Għandu jiġi enfasizzat, fir-rigward tal-portata tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-appellant ma jikkritikax lill-Kummissjoni li wettqet żball ta' evalwazzjoni f'dan il-każ. Huwa jsostni biss li d-deċiżjoni individwali negattiva tal-Kummissjoni hija irregolari billi hija bbażata fuq regola li hija stess hija illegali.

79. Permezz ta' żewġ ilmenti formalment distinti, l-appellant jitlob, essenzjalment, l-illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' nondiskriminazzjoni, fejn ir-rikors jagħmel riferiment, f'dan ir-rigward, għall-Artikolu 21 tal-Karta u għall-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78.

21 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, BĊE vs Cerafogli (T-787/14 P, EU:T:2016:633).

80. L-Artikolu 21(1) tal-Karta huwa fformulat bil-mod li ġej: "Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita."

81. L-appellant ma ppreċiżax il-kawża tad-diskriminazzjoni kkonċernata f'dan il-każ iżda huwa dedott mill-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li din tal-aħħar hija kkostitwita min-natura legali tar-rabta li tgħaqqad lill-membri ta' koppja, kunċett li ma jinsabx fil-lista msemmija iktar 'il fuq, li ma hijiex eżawrjenti, kif jikkonferma l-użu tal-avverbju "b'mod partikolari".

82. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li mill-iżviluppi tar-rikors, kif ukoll mill-osservazzjonijiet dwar in-nota ta' intervent tal-Kunsill, jirriżulta li l-appellant jikkontesta b'mod ċar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal mal-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza fit-trattament. Il-Kummissjoni u l-Kunsill ukoll inkludew id-difiża tagħhom fil-kuntest iktar ġenerali tal-ugwaljanza fit-trattament.

83. L-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li n-natura fundamentali tiegħu hija stabbilita fl-Artikolu 20 tal-Karta, li għaliha l-Artikolu 6(1) TUE jirrikonoxxi l-istess valur legali bħat-Trattati. Hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 51(1) tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tagħha huma b'mod partikolari indirizzati lejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li huma, konsegwentement, marbuta josservaw id-drittijiet stabbiliti minnha [22].

84. F'dan il-każ, l-appellant jeċċepixxi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, fuq bażi doppja.

a) Fuq id-differenza fit-trattament tal-koppji konkubini

85. Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li l-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet għandha tiġi evalwata fid-dawl tas-suġġett u l-għan tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni [23].

86. Is-suġġett u l-għan tal-pensjoni tas-superstiti prevista, b'mod partikolari, fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa li jagħti lill-konjuġi superstiti dħul ta' sostituzzjoni intiż sabiex jikkumpensa parzjalment it-telf tad-dħul tal-konjuġi li miet [24].

87. L-appellant isostni li koppja li tkun ilha f'relazzjoni ta' konkubinaġġ stabbli u għal żmien twil, b'assistenza finanzjarja ta' wieħed mill-konkubini lill-ieħor, u dik miżżewġa jew li tkun ikkonkludiet sħubija mhux maritali huma f'sitwazzjonijiet paragunabbli, biċ-ċaħda tal-pensjoni tas-superstiti għall-konkubin superstiti tikkaratterizza l-ksur ta' dan il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

88. Ir-rikorrent isostni, f'dan ir-rigward, approċċ tal-għan tal-pensjoni tas-superstiti bbażat fuq analiżi *ex post* tal-koppja, u mhux *ex ante* kif din hija żviluppata mill-partijiet l-oħra, li tippermetti li jiġi kkonstatat li, fil-jum tal-mewt ta' wieħed mill-konkubini, il-konkubin superstiti jinsab f'sitwazzjoni strettament identika għal dik ta' konjuġi superstiti, jiġifieri dik ta' persuna li tkun ibbenefikat għal ammont ta' snin mid-dħul tal-konkubin tagħha u li f'daqqa waħda ġiet imċaħħda minnu.

22 Ara s-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Strack (C-579/12 RX-II, EU:C:2013:570, punt 39). Għandu jingħad ukoll li r-riferiment li għamel l-appellant għad-Direttiva 2000/78, li hija l-espressjoni, fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, huwa irrilevanti fil-każ preżenti, peress li dan huwa kontenzjuż li jirrigwarda l-legalità ta' dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal.

23 Ara s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2011, Association Belge des Consommateurs Test-Achats *et* (C-236/09, EU:C:2011:100, punt 29).

24 Ara s-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2009, Ramaekers-Jørgensen vs Il-Kummissjoni (F-74/08, EU:F:2009:142, punt 53), u tal-1 ta' Lulju 2010, Mandt vs Il-Parlament (F-45/07, EU:F:2010:72, punt 88).

89. Din l-interpretazzjoni riduċenti tal-għan tal-pensjoni tas-superstiti, deliberatament iffokata fuq approċċ esklużivament materjali tas-sitwazzjoni evalwata biss fil-ġurnata tal-mewt tal-uffiċjal, ma tirriflettix eżatt ir-*ratio legis* tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

90. Minn dan it-test, moqri flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħra tar-Regolamenti tal-Persunal, jirriżulta li l-għoti tal-pensjoni tas-superstiti ma huwiex suġġett għal kundizzjonijiet ta' riżorsi u/jew ta' patrimonju li għandhom jikkaratterizzaw l-inkapaċità tal-konjuġi superstiti sabiex jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu u li juru għalhekk id-dipendenza finanzjarja preċedenti tiegħu fuq il-mejjet.

91. Il-benefiċċju tal-imsemmija pensjoni jikkumpensa t-telf ta' responsabbiltà *in solidum* li tirriżulta minn obbligi legali li jkollhom il-membri ta' koppja sa mill-konklużjoni tal-unjoni tagħhom u li jkomplu fiż-żmien. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 26 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li, meta l-konjuġi superstiti jerġa' jiżżewweġ, huwa ma jibqax ikollu dritt għall-pensjoni tas-superstiti tiegħu, li ma jkunx il-każ jekk dak il-konjuġi jkollu relazzjoni ta' konkubinaġġ (jew sħubija rreġistrata), irrispettivament mit-tul u l-istabbiltà tagħha.

92. Din ir-responsabbiltà *in solidum* teżisti evidentement fil-kuntest taż-żwieġ, l-unika forma ta' relazzjoni ċivili li hija komuni għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni [25] u li tippreżenta ċerta universalità fir-rigward tal-kontenut tagħha [26], fejn iż-żwieġ għandu prinċipalment bħala għan li jorganizza l-obbligi personali, materjali u patrimonjali tal-konjuġi matul il-perijodu tal-unjoni tagħhom. Għal dan il-għan, huwa jagħti lill-konjuġi drittijiet u obbligi reċiproċi, li jkunu riflessi b'mod partikolari fl-eżistenza ta' dmir ta' għajnuna u/jew ta' kontribuzzjoni għall-ispejjeż taż-żwieġ, u li jimponu wkoll responsabbiltà *in solidum* finanzjarja fir-rigward ta' terzi għad-djun domestiċi. Barra minn hekk, iż-żwieġ huwa suġġett għal reġistrazzjoni formali rigoruża.

93. Għalkemm ir-rikonoxximent tas-sħubija mhux maritali rreġistrata huwa kkaratterizzat minn eteroġeneità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, huwa possibbli li jiġi affermat li l-imsemmija sħubija tikkorrispondi wkoll għal sistema legali tal-ħajja ta' koppja, suġġetta għal formaliżmu reali, li tinkludi drittijiet u obbligi għall-imsieħba, fatt li mingħajr dubju jqarribha għall-istatus maritali.

94. Min-naħa l-oħra, l-unjoni ta' fatt jew l-unjoni libera, li jifforma parti minnha l-konkubinaġġ [27], ma taqax taħt id-definizzjoni ta' kull kuntest legali vinkolanti għal dawk li għażlu din il-forma ta' unjoni ċivili u ma twassalx għalhekk għal konsegwenzi legali u patrimonjali fir-relazzjonijiet bejn il-konkubini. Id-determinazzjoni tan-natura tagħhom, li tista', jekk ikun il-każ, tirrifletti responsabbiltà *in solidum de facto* bejn il-konkubini, tiddependi mis-sempliċi rieda u mill-għażla tal-membri ta' unjoni li ma għandha ebda formaliżmu.

95. L-appellant jirreferi għad-duttrina u għal deċiżjonijiet ta' qrati Belġjani li jirrikonoxxu l-eżistenza ta' obbligi naturali bejn il-konkubini li jistgħu jsiru obbligi ċivili. Minbarra l-fatt li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet tal-persuni kkonċernati, il-qorti tal-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni kunċetti prevalenti fl-Unjoni kollha u mhux fi Stat Membru wieħed [28], l-eżempju ta' ġurisprudenza pprovdut mill-appellant juri b'mod ċar li t-trasformazzjoni tal-obbligu naturali, vinkolanti fil-kuxjenza biss, f'obbligu ċivili u fid-dritt, tiddependi biss mill-impenn unilaterali tar-rieda ta' wieħed mill-konkubini.

25 Ara s-sentenza tas-6 ta' Mejju 2014, Forget vs Il-Kummissjoni (F-153/12, EU:F:2014:61, punt 29).

26 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Roodhuijzen (T-58/08 P, EU:T:2009:385, punt 75).

27 L-Artikolu 515-8 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż jipprovdi li l-konkubinaġġ huwa unjoni *de facto*, ikkaratterizzata minn ħajja komuni stabbli u kontinwa, bejn żewġ persuni, ta' sess differenti jew tal-istess sess, li jgħixu bħala koppja.

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2001, D u L-Isvezja vs Il-Kunsill (C-122/99 P u C-125/99 P, EU:C:2001:304, punt 49).

96. Lanqas ma jidhirli li hija rilevanti l-evokazzjoni tas-sentenza tal-1 ta' April 2008, Maruko (C-267/06, EU:C:2008:179), dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2000/78 fid-dawl tad-dritt Ġermaniż li jagħti pensjoni ta' armel lill-koppji li jkunu kkonkludew sħubija mhux maritali rreġistrata għal ammont inqas minn dak tal-pensjoni mogħtija lill-koppji miżżewġa. Il-paragun kien jikkonċerna, minn naħa, is-sitwazzjoni ta' żewġ persuni tal-istess sess li ma għandhomx aċċess għaż-żwieġ u uniti fil-kuntest ta' sħubija mhux maritali rreġistrata, u, min-naħa l-oħra, dik ta' koppja miżżewġa, filwaqt li, f'dan il-każ, qegħdin jiġu pparagunati s-sitwazzjoni ta' żewġ persuni f'sitwazzjoni ta' unjoni libera u dik ta' koppja miżżewġa jew li ma għandhiex aċċess għaż-żwieġ iżda li tkun ikkonkludiet sħubija rreġistrata uffiċjalment.

97. Għandu jiġi enfasizzat li, fil-punt 75 tas-sentenza tagħha tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni (C-485/08 P, EU:C:2010:188), il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, għalkemm f'ċerti aspetti, il-koppji *de facto* u l-koppji legali, bħaż-żwieġ, setgħu jkollhom dan ix-xebh, dan ma jistax iwassal neċessarjament għal assimilazzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' koppji.

98. Barra minn hekk, fis-sentenza tal-Qorti EDB tat-3 ta' April 2012, Van der Heidjen vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (CE:ECHR:2012:0403JUD004285705, punt 69), ġie indikat li "[i]ż-żwieġ jagħti status partikolari lil dawk li jimpenjaw ruħhom f'dan ir-rigward. L-eżerċizzju tad-dritt taż-żwieġ huwa protett mill-Artikolu 12 tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950] u jġib miegħu konsegwenzi soċjali, personali u legali (ara, *mutatis mutandis*, is-sentenzi [tal-]Qorti EDB [tad-]29 ta' April 2008, Burden vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2008:0429JUD001337805, punt 63, u [tat-]2 ta' Novembru 2010, Şerife Yiğit vs It-Turkija, CE:ECHR:2010:1102JUD000397605, punt 72). Bl-istess mod, il-konsegwenzi legali tas-sħubija rreġistrata jiddistingwu dan it-tip ta' relazzjoni mill-forom l-oħra ta' ħajja flimkien. Iktar milli t-tul jew in-natura ta' assistenza reċiproka tar-relazzjoni, l-element determinanti huwa l-eżistenza ta' impenn pubbliku, li jmur id f'id ma' għadd ta' drittijiet u obbligi ta' natura kuntrattwali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

99. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-finalità tal-pensjoni tas-superstiti kif imfakkra u ppreċiżata iktar 'il fuq, jidhirli li s-sitwazzjonijiet ipparagunati mill-appellant ma humiex paragunabbli, peress li l-koppji *de facto* u l-koppji legali, kemm jekk dawn ikunu miżżewġin jew fi sħubija mhux maritali rreġistrata, jippreżentaw differenza ta' natura legali insuperabbli. Għaldaqstant, differenza fit-trattament ma tistax twassal għall-konklużjoni ta' ksur tal-ugwaljanza fit-trattament.

100. Din il-konklużjoni ma tagħlaqx, madankollu, id-dibattitu dwar l-aggravju bbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

b) Fuq id-differenza fit-trattament tal-koppji li ż-żwieġ tagħhom ikun ilu inqas minn sena

101. L-appellant ifformula, fir-rikors tiegħu, kritika li tikkonċerna l-kundizzjoni tat-tul tar-relazzjoni personali meħtieġa għall-għoti tal-pensjoni tas-superstiti u dan billi sostna li l-kriterju taż-żwieġ jew tas-sħubija mhux maritali ta' tul ta' iktar minn sena kien "arbitrarju u inadegwat".

102. Din l-argumentazzjoni għandha titqiegħed fil-kuntest fattwali u legali tal-kawża, jiġifieri li l-appellant kien ilu miżżewweġ għal iktar minn 11-il xahar mal-uffiċjal mejta, u li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba ta' għoti tal-pensjoni tas-superstiti kienet motivata minn tul insuffiċjenti taż-żwieġ, jiġifieri inqas minn sena, u mir-rifjut li jittieħed inkunsiderazzjoni l-perijodu preċedenti ta' konkubinaġġ.

103. F'dan il-każ, is-sitwazzjoni ta' koppja miżżewġa għal iktar minn sena u dik ta' koppja miżżewġa għal inqas minn sena, kemm jekk kienet preċeduta jew le minn ħajja komuni f'konkubinaġġ, jistgħu jitqiesu paragunabbli fir-rigward tal-għan tal-pensjoni tas-superstiti, filwaqt li jitfakkar li ma huwiex meħtieġ li s-sitwazzjonijiet ikkonċernati jkunu identiċi [29].

104. Fiż-żewġ każijiet, dawn huma koppji li assumew impenn pubbliku li jagħti lil kull wieħed mill-konjuġi, *fl-istess jum tal-konklużjoni taż-żwieġ*, numru ta' drittijiet u obbligi speċifiċi lejn xulxin u lejn terzi, li huma l-oriġini ta' responsabbiltà *in solidum*, fatt li jikkaratterizza xebh suffiċjenti bejn is-sitwazzjonijiet fir-rigward tal-benefiċċju inkwistjoni.

105. Distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli tista' tiġi ġġustifikata oġġettivament?

106. Ta' min ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 52(1) tal-Karta jirrikonoxxi li l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet irrikonoxxuti minnha jista' jiġi limitat, sakemm dawn il-limitazzjonijiet ikunu previsti mil-liġi, ikunu jirrispettaw il-kontenut essenzjali ta' dawn id-drittijiet u libertajiet, u li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu neċessarji u effettivament jaqdu għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor.

107. Minn dan l-artikolu jirriżulta li, sabiex tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt għal ugwaljanza għandha, fi kwalunkwe każ, tissodisfa tliet kundizzjonijiet [30], jiġifieri li l-limitazzjoni għandha tkun prevista mil-liġi, ikollha għan ta' interess ġenerali u ma tkunx eċċessiva, fis-sens li għandha tkun neċessarja u proporzjonali għall-għan imfittex u li l-"essenza", jiġifieri s-sustanza, tad-dritt jew tal-libertà inkwistjoni ma għandhiex tiġi ppreġudikata.

1) Bażi legali

108. Il-limitazzjoni għandha tkun "prevista mil-liġi". Fi kliem ieħor, il-miżura inkwistjoni għandu jkollha bażi legali [31], u dan, fil-każ preżenti, ma jagħti lok għal ebda diffikultà, peress li l-kundizzjoni ta' għoti tal-pensjoni tas-superstiti relattiva għall-fatt li l-konjuġi superstiti kien tali għal sena fil-mument tal-mewt tal-uffiċjal hija prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Barra minn hekk, dan it-test jissodisfa r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà, ta' ċarezza u ta' prevedibbiltà, stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jiddeterminaw l-aġir tagħhom b'għarfien tal-kawża [32].

2) Għan ta' interess ġenerali

109. Ta' min ifakkar li, f'każ ta' att leġiżlattiv tal-Unjoni, huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jistabbilixxi l-eżistenza ta' kriterji oġġettivi mressqa bħala ġustifikazzjoni ta' differenza fit-trattament u li għandu jippreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja l-provi neċessarji għall-verifika minn din tal-eżistenza tal-kriterji msemmija [33].

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2011, Römer (C-147/08, EU:C:2011:286, punt 42).

30 Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke u Eifert (C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punti 56 sa 72).

31 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni (C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 91), u tas-17 ta' Ottubru 2013, Schwarz (C-291/12, EU:C:2013:670, punt 35).

32 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2003, Österreichischer Rundfunk *et* (C-465/00, C-138/01 u C-139/01, EU:C:2003:294, punt 77); il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Scarlet Extended (C-70/10, EU:C:2011:255, punti 93 sa 100); u tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Schwarz (C-291/12, EU:C:2013:401, punt 43).

33 Ara s-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique et Lorraine *et* (C-127/07, EU:C:2008:728, punt 47), u tas-17 ta' Ottubru 2013, Schaible (C-101/12, EU:C:2013:661, punt 78).

110. Għandu jiġi kkonstatat li r-Regolamenti tal-Persunal, bħala tali, ma jipprovdu ebda preċiżazzjoni jew indikazzjoni dwar l-għan sottostanti tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tiegħu. B'mod ġenerali, l-Artikolu 1d(6) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li, "[w]aqt li jkun irrispettat il-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-prinċipju tal-proporzjonalità, kull limitazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom trid tkun iġġustifikata fuq bażijiet oġġettivi u raġonevoli, u trid tkun immirata lejn oġġetti leġittimi fl-interess ġenerali fil-qafas tal-politika tal-persunal" [34].

111. Madankollu, din iċ-ċirkustanza ma teskludix li tali għan jista' jiġi mislut mill-kuntest ġenerali tal-miżura kkonċernata għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tal-leġittimità tagħha u fir-rigward tan-natura adatta u neċessarja tal-mezzi implimentati sabiex jintlaħaq dan l-għan [35].

112. Fin-noti tagħhom u matul is-seduta, il-Kummissjoni u l-Kunsill irreferew, fuq dan il-punt, għall-ħtieġa li tiġi evitata l-frodi kkaratterizzata minn żwiġijiet ta' konvenjenza, li jinżamm il-bilanċ tas-sistema tal-pensjonijiet, li jiġu evitati spejjeż eċċessivi għall-amministrazzjoni fl-ipproċessar tal-fajls li jmorru kontra l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, fir-rigward b'mod partikolari tal-evalwazzjoni ta' provi fattwali, u li permezz ta' dan tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament tal-uffiċjali.

113. Dawn id-diversi aspirazzjonijiet jistgħu jitqiesu li huma għanijiet ta' interess ġenerali, jiġifieri leġittimi, irrikonoxxuti mill-Unjoni u għandhom għalhekk ikunu suġġetti għal stħarriġ tal-proporzjonalità mill-Qorti tal-Ġustizzja, kif previst fl-Artikolu 52 tal-Karta.

3) Stħarriġ tal-proporzjonalità

114. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' proporzjonalità jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Dan jeżiġi li l-miżuri jkunu adatti sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet [36], filwaqt li huwa mifhum li, meta teżisti għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik li hija l-anqas oneruża u l-iżvantaġġi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta pparagunati mal-għanijiet imfittxija [37].

i) In-natura xierqa

115. Għandu jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjoni kontenzjuża hijiex adatta sabiex tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għanijiet ta' interess ġenerali identifikati preċedentement.

34 Huwa possibbli li tiġi ċċitata l-premessa 31 tar-Regolament Nru 723/2004 li skont it-termini mill-inqas evażivi tagħha, "[i]l-kondizzjonijiet fil-bażi tad-diposizzjonijiet kurrenti tal-pensjonijiet ta' invalidità u pensjonijiet ta' l-għajxien, inbidlu minn meta kienu adottati l-ewwel darba u għalhekk għandhom iku[n]u aġġornati u ssimplifikati". Filwaqt li ntenni din il-premessa, nirrileva li l-premessa 7 tipprovdi li "[i]l-konformità għandha titħares mal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, kif miġbura fit-Trattat tal-KE, li b'hekk jeħtieġ aktar żvilupp tal-politika tal-persunal tal-politika tal-persunal li tiżgura opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ikunu xi jkunu s-sess, il-kapaċità fisika, iż-żmien, l-identità razzjali jew etnika, l-orjentazzjoni sesswali, u l-istat maritali", kunsiderazzjonijiet ippreċiżati mill-premessa 8 skont liema "[l]-uffiċjali f'relazzjoni mhux maritali rikonoxxuta minn Stat Membru bħala sħubija stabbli, li m'għandhomx aċċess legali għaż-żwieġ għandhom jiġħataw l-istess medda ta' benefiċċji bħall-koppji miżżewġa".

35 Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, is-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa (C-411/05, EU:C:2007:604, punti 56 u 57); tat-12 ta' Jannar 2010, Petersen (C-341/08, EU:C:2010:4, punt 49); u tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-286/12, EU:C:2012:687, punt 58).

36 Ara s-sentenzi tat-18 ta' Novembru 1987, Maizena *et* (137/85, EU:C:1987:493, punt 15); tat-12 ta' Novembru 1996, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-84/94, EU:C:1996:431, punt 57); tal-10 ta' Diċembru 2002, British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco (C-491/01, EU:C:2002:741, punt 122); tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland *et* (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238, punt 46); kif ukoll tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400, punt 67).

37 Ara s-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder Hs Kraftfutter (265/87, EU:C:1989:303, punt 21); tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et* (C-189/01, EU:C:2001:420, punt 81); kif ukoll tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et* (C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 86); ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400, punt 91).

116. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni u l-Kunsill jindikaw li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-qasam tal-iżvilupp tas-sistema ta' protezzjoni soċjali tal-uffiċjali tal-Unjoni, il-leġiżlatur għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa [38]. Ir-rikonoxximent ta' tali setgħa jimplika n-neċessità li jiġi vverifikat jekk il-motiv magħżul għall-finijiet tat-twettiq tal-għan segwit ikunx manifestament inadegwat jew mhux raġonevoli [39].

117. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li dan il-marġni diskrezzjonali ma jistax ikollu bħala effett li l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jiġi mċaħħad mis-sustanza tiegħu [40], li neċessarjament japplika għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Hija qieset ukoll li leġiżlazzjoni setgħet titqies bħala adegwata biss sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan invokat jekk hija verament kienet tipprovdi sabiex dan l-għan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku [41].

118. F'dan ir-rigward, jistgħu jitqajmu dubji f'din il-kawża, jekk wieħed jikkunsidra s-sitwazzjoni tal-mewt mhux mistennija, wara b'mod partikolari inċident, ta' wieħed mill-konjuġi ta' koppja miżżewġa għal 11-il xahar u 29 jum u li l-konjuġi superstiti tiegħu jkun ġie mċaħħad mill-pensjoni tas-superstiti filwaqt li min-naħa l-oħra s-sieħeb li jiżżewweġ uffiċjal li jkun marid serjament, li finalment imut tnax-il xahar wara l-unjoni ċivili jkun jibbenefika minn din il-pensjoni.

119. Din l-approssimazzjoni ta' sitwazzjonijiet turi d-dgħufija ta' dispożizzjoni li hija bbażata esklużivament fuq kriterju *ratione temporis* bl-applikazzjoni ta' data limitu li tiffunzjona b'mod awtomatiku u għami.

120. Barra minn hekk, jistgħu jitqajmu dubji wkoll fir-rigward ta' analiżi *in concreto* tal-għanijiet ta' distinzjoni mressqa u b'mod partikolari tal-ewwel wieħed fosthom, dwar il-ġlieda kontra l-frodi, li miegħu t-tlieta l-oħra huma strettament marbuta, jew saħansitra riżultat tiegħu.

121. Fil-fatt, huwa importanti li jiġi limitat il-kunċett ta' "frodi" msemmi mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, li jużaw l-espressjonijiet "ftehimiet fuq suċċessjoni futuri", kunċett li jirrigwarda biss *a priori* lir-regoli ta' trasferiment *causa mortis* jew, b'mod iktar konnotat, ta' "żwieġ ta' konvenjenza". L-idea mressqa hija li jiġi prekluż it-tul ta' żmien li fih ikun hemm ir-riskju li dan tal-aħħar isir iktar bil-għan li jittieħed vantaġġ minn benefiċċji finanzjarji milli bi "pjan ta' ħajja flimkien".

122. Huwa possibbli li wieħed jiddubita dwar is-sitwazzjoni konkreta kif prevista mill-Kummissjoni u mill-Kunsill. L-espressjoni "żwieġ ta' konvenjenza" tirreferi għal dik ta' "żwieġ falz" użata regolarment sabiex tiġi indikata unjoni fittizja, motivata biss mill-possibbiltà għal konjuġi li jikseb, permezz ta' dan il-motiv, in-nazzjonalità mixtieqa tal-konjuġi l-ieħor. Din l-assoċjazzjoni speċifika tal-interessi ta' żewġ individwi, mingħajr rabta affettiva reali, ma tistax tiġi applikata għall-każ li għandi quddiemi.

123. L-unika sitwazzjoni prattikament konċepibbli hija dik ta' koppja, li kkonkludiet jew ma kkonkludietx ftehim matrimonjali, li ħadet id-deċiżjoni li tikkuntratta żwieġ wara deterjorament sinjifikattiv tal-istat tas-saħħa tas-sieħeb uffiċjal.

38 Ara s-sentenza tad-29 ta' Novembru 2006, Campoli vs Il-Kummissjoni (T-135/05, EU:T:2006:366, punt 72). Barra minn hekk, meta interpretat l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 fl-okkażjoni ta' rinviji preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla tal-mezzi li jistgħu jilħqu l-għanijiet tal-politika soċjali tagħhom.

39 Ara s-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2013, Dansk Jurist- og Økonomforbund (C-546/11, EU:C:2013:603, punt 58), u tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni (C-485/08 P, EU:C:2010:188, punt 72). F'kuntest fattwali simili li jirrigwarda diskriminazzjoni b'rabta mal-ħlas ta' benefiċċju soċjali, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ċertament irrilevat, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Ġunju 2002, Willis vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2002:0611JUD003604297), li l-Istati kontraenti jgawdu minn ċertu marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeterminaw jekk u sa fejn differenzi bejn sitwazzjonijiet f'aspetti oħra analogi jiġġustifikawx distinzjonijiet ta' trattament, iżda hija vverifikat sewwa jekk, fil-każ sottomess, id-differenza fit-trattament kinitx nieqsa minn "ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli" jiġifieri jekk hija kellhiex "skop leġittimu" jew jekk kienx hemm "relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan imsemmi".

40 Ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2009, Age Concern England (C-388/07, EU:C:2009:128, punt 51).

41 Ara, ukoll, fir-rigward tar-rekwiżit tal-koerenza, is-sentenzi ta' prinċipju tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer (C-169/07, EU:C:2009:141, punt 55), u tat-23 ta' Diċembru 2015, Hiebler (C-293/14, EU:C:2015:843, punt 65). Ara, speċjalment f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2000/78, is-sentenzi tat-12 ta' Jannar 2010, Petersen (C-341/08, EU:C:2010:4, punt 53), u tas-26 ta' Settembru 2013, HK Danmark (C-476/11, EU:C:2013:590, punt 67).

124. L-idea li wieħed jista' jikkwalifika tali unjoni bħala żwieġ ta' konvenjenza jidhirli li hija ferm dubjuża u b'xi mod mhux f'lokha, peress li tiċħad l-essenza stess taż-żwieġ. Dan huwa l-każ, f'din l-ipoteżi, ta' żewġ persuni li ilhom f'relazzjoni ta' koppja li jagħżlu li jsaħħu l-impenn tagħhom permezz tal-istatus maritali, u b'hekk ma jagħmlu xejn ħlief jissodisfaw l-inċentiv qawwi fis-sens tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li b'mod ċar jiffavorixxu l-istatus maritali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-biża' ta' żwieġ li ma huwiex verament motivat minn "pjan ta' ħajja komuni" hija infondata, peress li l-ħajja komuni kienet teżisti qabel l-unjoni ċivili.

125. L-għażla tal-istatus maritali tinkludi neċessarjament u f'kull ċirkustanza dimensjoni patrimonjali, u tirriżulta minn rieda ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni massima tal-imsieħeb matul l-unjoni u fi tmiemha. Il-fatt li din l-għażla tista' sseħħ wara informazzjoni inkwetanti fuq l-istat ta' saħħa tas-sieħeb ma jikkaratterizza l-ebda frodi iżda jikkonferma s-saħħa ta' rabta li tgħaqqad żewġ persuni li ser jagħmlu impenn li d-data ta' skadenza tiegħu qatt ma tista' tkun magħrufa minn qabel b'ċertezza, irrispettivament mill-gravità tal-marda li taffettwa lis-sieħeb li sar konjuġi. Fl-opinjoni tiegħi, hemmhekk ma hemm ebda użu ħażin taż-żwieġ kif allegat mill-Kummissjoni u mill-Kunsill.

126. Barra minn hekk, "l-effett tardiv" li jikkostitwixxi b'xi mod ir-rekwiżit ta' tul ta' żwieġ ta' sena għall-benefiċċju tal-pensjoni tas-superstiti huwa radikalment inkompatibbli man-natura legali taż-żwieġ li tipproduċi l-effetti tagħha fl-istess ħin li jsir l-impenn. Il-Kummissjoni u l-Kunsill enfasizzaw b'mod ċar li d-differenza fit-trattament magħmula mir-Regolamenti tal-Persunal bejn il-persuni miżżewġin u l-konkubini hi bbażata fuq "differenza fis-sitwazzjoni tal-familja li tirriżulta minn għażla deliberata ta' persuni kkonċernati", peress li l-istatus maritali bl-obbligi legali u finanzjarji tiegħu fuq il-konjuġi huwa neċessarjament distint minn sempliċi unjoni libera fir-rigward tal-għan tal-pensjoni tas-superstiti.

127. Għandu jiġi kkonstatat li l-appellant u N għamlu l-għażla ta' dan l-istatus maritali fid-9 ta' Mejju 2014 u ġġeneraw instantanjament il-kuntest legali invokat minn dawn l-istituzzjonijiet bħala element ta' differenzjazzjoni oġġettiva. Li kieku ma kienx hemm f'dan it-tip ta' kawża realtà umana ta' diqa, kif turi b'mod ċar is-sitwazzjoni tal-appellant, wieħed jista' jitħajjar jikkonċentra fuq l-ironija ta' sitwazzjoni fejn il-Kummissjoni u l-Kunsill jinħbew wara l-kunċett ta' "żwieġ ta' konvenjenza" sabiex jiċħdu t-talba għall-għoti tal-pensjoni tas-superstiti wara li jkunu oġġezzjonaw lill-appellant in-nuqqas tiegħu li jagħżel l-istatus maritali fil-kuntest tat-test ta' paragunabbiltà fid-dawl tal-għan tal-imsemmija pensjoni.

128. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-miżura inkwistjoni jidhirli li hija manifestament mhux xierqa għall-finijiet tat-twettiq ta' għan ibbażat fuq il-ġlieda kontra l-frodi, u l-istess konklużjoni hija meħtieġa għall-motivi l-oħra li huma biss il-korollarji tagħha.

129. Anki jekk jitqies li r-raġuni ta' leġittimità bbażata fuq is-salvagwardja tal-bilanċ finanzjarju tas-sistema tal-pensjonijiet tista' tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni distinta, għandu jiġi kkonstatat li r-riskju ta' preġudizzju għal tali bilanċ fl-assenza tad-differenza fit-trattament implikata bl-ebda mod ma ġie stabbilit u lanqas spjegat mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kunsiderazzjonijiet ta' natura baġitarja, purament finanzjarji, ma jistgħux jikkostitwixxu, waħedhom, għan leġittimu li jista' jiġġustifika deroga mill-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni [42].

42 Ara s-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-41/12, EU:C:2014:2005, punt 77), u tal-11 ta' Novembru 2014, Schmitzer (C-530/13, EU:C:2014:2359, punt 41); ara, fl-istess sens, f'dak li jirrigwarda l-ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 1998, Hill u Stapleton (C-243/95, EU:C:1998:298, punt 40); tas-6 ta' April 2000, Jørgensen (C-226/98, EU:C:2000:191, punt 39); tat-23 ta' Ottubru 2003, Schönheit u Becker (C-4/02 u C-5/02, EU:C:2003:583, punt 85); u tal-21 ta' Lulju 2011, Fuchs u Köhler (C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punt 74).

ii) In-neċessità

130. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis bħala manifestament xierqa l-kundizzjoni ta' sena ta' żwieġ, ikun xieraq li wieħed jistaqsi jekk dispożizzjoni bħal dik inkwistjoni hijiex neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija. Miżura hija meħtieġa meta l-għan leġittimu segwit ma jkunx jista' jintlaħaq permezz ta' miżura daqstant xierqa iżda inqas restrittiva[43]. F'dan il-każ għandu jiġi eżaminat jekk jeżistux soluzzjonijiet inqas radikali sabiex jiġu evitati riskji ta' frodi, sabiex jiġi ppreżervat, b'dan il-mod, il-bilanċ finanzjarju tas-sistema tal-pensjonijiet, jiġu evitati spejjeż eċċessivi lill-amministrazzjoni fl-ipproċessar tal-fajls li jmorru kontra l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tiġi ggarantita, b'dan l-istess mod, l-ugwaljanza fit-trattament tal-uffiċjali.

131. Għandu jiġi ppreċiżat li, f'dan il-każ, is-soluzzjoni adottata hija minn tal-inqas radikali, peress li kull mewt ta' uffiċjal li sseħħ fit-tnax-il xahar ta' wara ż-żwieġ tiġi assimilata ma' preżunzjoni inkonfutabbli ta' frodi u għandha tippriva lill-konjuġi li jibqa' ħaj mill-pensjoni tas-superstiti.

132. L-inqas vinkolanti għall-persuni kkonċernati huwa li jingħataw il-possibbiltà li jipprovaw li ma kienx hemm żwieġ ta' konvenjenza billi jipprovdu d-dokumenti li juru r-realtà ta' ħajja komuni preċedenti li t-tul tagħha jippermetti li jilħqu l-limitu fatidiku ta' tnax-il xahar. Għandu jiġi enfasizzat li tali soluzzjoni bl-ebda mod ma tmur kontra l-approċċ adottat fid-determinazzjoni tan-natura paragunabbli tas-sitwazzjonijiet imwieżna ta' koppji legali, minn naħa, u koppji *de facto*, min-naħa l-oħra, sa fejn hija ma tikkontestax ir-rabta bejn iż-żwieġ u l-pensjoni tas-superstiti.

133. Dan l-approċċ inqas restrittiv xorta waħda ma huwiex adattat.

134. Fir-rigward tal-għan li jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, għandu jiġi rrilevat li din l-allegazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill bl-ebda mod ma hija sostnuta minn ċifri rilevanti. Fin-nota ta' intervent tiegħu, il-Kunsill isemmi servizz pubbliku Ewropew li jinkludi iktar minn 58 000 uffiċjal u aġent u iktar minn 20 000 benefiċjarju tal-iskema ta' pensjoni. Din id-data hija manifestament insuffiċjenti fir-rigward tal-kwistjoni mqajma minn din il-kawża li tirrigwarda biss iż-żwiġijiet ta' tul ta' inqas minn sena li wieħed jista' raġonevolment jaħseb li jirrappreżentaw biss volum żgħir ta' fajls li għandhom jiġu pproċessati, filwaqt li għandu jiġi osservat li l-proċedura li għandi quddiemi hija, sa fejn naf jien, l-ewwel waħda relatata ma' din il-problema speċifika.

135. Barra minn hekk, ma hijiex kwistjoni li titlob lill-amministrazzjoni twettaq kwalunkwe investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-koppja kkonċernata bl-evalwazzjoni ta' kwistjonijiet legali relatati mal-istat ċivili tal-persuni kkonċernati, peress li l-unika verifika li tista' ssir tirrigwarda t-tul ta' ħajja komuni preċedenti għaż-żwieġ, ipprovata faċilment f'każ ta' sħubija mhux maritali rreġistrata, u toħloq ftit diffikultà fl-ipoteżi ta' konkubinaġġ kif turi din il-kawża. Din l-evalwazzjoni ta' natura purament materjali ma hijiex ta' natura li twassal għal trattament mhux ugwali tal-uffiċjali.

136. Għandu jiġi rrilevat ukoll li, għalkemm il-leġiżlatur tar-Regolamenti tal-Persunal ipproċeda b'mod ċar permezz tal-kategorizzazzjoni, huwa ma eskludiex l-evalwazzjoni individwali *in concreto* kif jixhed l-Artikolu 1(2)(d) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal li jipprevedi li uffiċjal li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet previsti għall-għoti tal-benefiċċju tal-familja jista', fuq "deċiżjoni raġunata speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ", jibbenefika minnu meta madankollu jassumi effettivament spejjeż tal-familja.

43 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Dansk Jurist- og Økonomforbund (C-546/11, EU:C:2013:603, punt 69).

137. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-istima msemmija iktar ’il fuq ta’ kwantità iktar milli raġonevoli ta’ fajls li jirrigwardaw iż-żwiġijiet ta’ tul ta’ inqas minn sena, is-soluzzjoni inqas restrittiva proposta bl-ebda mod ma jidhirli li hija ta’ natura li tippreġudika l-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta’ pensjonijiet li dwaru l-Kummissjoni u l-Kunsill ma pprovdew ebda informazzjoni preċiża, għajr l-eżistenza ta’ numru ferm ogħla ta’ kontributuri minn dak ta’ benefiċjarji.

138. Għandu jitfakkar li l-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jirregola l-għoti tal-pensjoni tas-superstiti lill-konjuġi superstiti ta’ uffiċjal li miet waqt is-servizz. Ma huwiex irraġonevoli li wieħed jaħseb li s-sitwazzjonijiet ikkonċernati huma fil-parti l-kbira dawk, kif juri l-eżempju tal-appellant, li fihom il-mewt tal-uffiċjal isseħħ wara diversi snin ta’ eżerċizzju ta’ attività professjonali, u għalhekk ta’ kontribuzzjonijiet għas-sistema tal-pensjoni, li ma humiex ser jagħtu lok għall-ħlas ta’ pensjoni tal-irtirar. L-għoti, f’din l-ipoteżi, lill-konjuġi superstiti li jkun wera l-eżistenza ta’ ħajja komuni preċedenti għaż-żwieġ twila biżżejjed li tippermetti li jintlaħqu t-tnax-il xahar meħtieġa ta’ pensjoni tas-superstiti ugwali għal 60 % tal-pensjoni tal-irtirar li l-konjuġi uffiċjal kien jieħu ma huwiex, *a priori*, ta’ natura li jhedded il-bilanċ finanzjarju tas-sistema tal-pensjonijiet.

139. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tul minimu meħtieġ ta’ tnax-il xahar ta’ żwieġ huwa kejl li, anki meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-marġni ta’ diskrezzjoni wiesa’ u l-ħtiġijiet prattiċi fl-amministrazzjoni tas-sistema tal-pensjoni, imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta’ interess ġenerali mfittxija mil-leġiżlatur tar-Regolamenti tal-Persunal.

iii) Ksur eċċessiv tad-drittijiet tal-uffiċjali

140. F’każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li l-limitu minimu meħtieġ ta’ tnax-il xahar żwieġ jikkostitwixxi miżura xierqa u neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, ikun jonqos li tiġi evalwata l-proporzjonalità tagħha *stricto sensu*. Bħala tali, anki jekk tkun xierqa u neċessarja biex jinkisbu l-għanijiet imfittxija b’mod leġittimu, miżura ma għandhiex tikkawża inkonvenjenzi li jkunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet mixtieqa. Fi kliem ieħor, għandu jiġi żgurat li dispożizzjoni bħal dik inkwistjoni ma timplikax preġudizzju eċċessiv għall-pretensjonijiet leġittimi tal-ħaddiema [44]. Finalment, hija kwistjoni li jinstab bilanċ ġust bejn l-interessi opposti tal-uffiċjali u tal-konjuġi superstiti tagħhom, bħall-appellant, u dawk tal-Unjoni fil-kuntest tal-ġestjoni tas-sistema tal-pensjoni.

141. Huwa ċertament paċifiku li kull benefiċċju addizzjonali mħallas skont l-imsemmija sistema iżid l-ammont globali tal-ispejjeż u b’hekk il-piż ta’ dik is-sistema fil-baġit tal-Unjoni. Madankollu, din l-asserzjoni għandha tiġi kkwalifikata serjament mill-osservazzjonijiet ifformulati f’dawn il-konklużjonijiet rigward l-iskop tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri l-għoti ta’ pensjoni tas-superstiti lill-konjuġi superstiti ta’ uffiċjal li jmut matul is-servizz u għalhekk mingħajr ma jitħallas pensjoni tal-irtirar li għaliha dan tal-aħħar ikun regolarment ħallas kontribuzzjonijiet.

142. Il-kundizzjoni ta’ perijodu ta’ żwieġ ta’ sena għandha bħala konsegwenza l-esklużjoni awtomatika ta’ grupp sħiħ ta’ konjuġi superstiti mill-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, anki jekk dawn setgħu għexu għal diversi deċennji mal-uffiċjal mejjet, kif juri l-eżempju tal-appellant, sinonimu ta’ parteċipazzjoni, indiretta iżda effettiva, fl-isforz kontributorju għas-sistema ta’ pensjoni.

44 Ara, f’dan is-sens, rigward kawża ta’ diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fil-kuntest tad-Direttiva 2000/78, is-sentenzi tas-16 ta’ Ottubru 2007, Palacios de la Villa (C-411/05, EU:C:2007:604, punt 73), u tat-12 ta’ Ottubru 2010, Ingeniørforeningen i Danmark (C-499/08, EU:C:2010:600, punt 47); ara, barra minn hekk, is-sentenza tas-16 ta’ Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 123), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f’dik il-kawża (EU:C:2015:170, punt 131) u fil-kawża Belov (C-394/11, EU:C:2013:48, punt 117), li t-tnejn li huma jirrigwardaw id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta’ Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23).

Dan il-ksur daqstant serju tal-interessi ta' grupp sħiħ huwa għalkollox sproporzjonat meta mqabbel mal-għan imfittex mil-limitu minimu ta' żwieġ, li suppost huwa prinċipalment il-prevenzjoni ta' aġir abbużiv minn membri individwali fir-rigward tal-benefiċċji soċjali, li hija sitwazzjoni evidentement marġinali.

143. Għalhekk hemm preġudizzju eċċessiv għall-interessi leġittimi tal-uffiċjali u tal-konjuġi superstiti tagħhom li jwasslu għall-konklużjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kif stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta.

144. Peress li, fil-fehma tiegħi, il-limitazzjoni kkonċernata la hija neċessarja u lanqas proporzjonali għall-għanijiet imfittxija, ma hemmx lok li wieħed jistaqsi jekk il-"kontenut essenzjali", jiġifieri s-sustanza, tad-dritt inkwistjoni huwiex milħuq.

145. Minn dan isegwi li l-kundizzjoni dwar il-fatt li l-konjuġi superstiti kien tali għal sena fil-mument tal-mewt tal-uffiċjal, li għaliha l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal jissuġġetta l-għoti tal-pensjoni tas-superstiti, għandha tiġi ddikjarata inapplikabbli f'dan il-każ.

146. Peress li l-ilment ibbażat fuq l-illegalità tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa fondat fis-sens indikat iktar 'il fuq, hemm lok li d-deċiżjoni kontenzjuża tiġi annullata.

147. Għandu jitfakkar ukoll li, skont l-Artikolu 266 TFUE, hija l-istituzzjoni li l-att tagħha jkun ġie annullat li għandha tieħu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

3. Fuq it-talba għal kumpens

148. Skont il-ġurisprudenza, l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni jippreżumi li jiġu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-illegalità tal-imġiba allegata fil-konfront tal-istituzzjonijiet, ir-realtà tad-dannu allegat, u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-imġiba u d-dannu invokat, bil-prova tal-issodisfar ta' dawn il-kundizzjonijiet taqa' fuq l-appellant [45].

149. F'dan il-każ, l-appellant jitlob l-allokazzjoni ta' somma ta' EUR 5 000 bħala kumpens għad-dannu morali li huwa sofra wara d-deċiżjoni illegali, bħala li hija diskriminatorja, peress li tirrifjutalu l-benefiċċju tal-pensjoni tas-superstiti f'kuntest ta' diqa kbira. L-appellant iressaq għalhekk l-istess illegalità sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu għad-danni bħal dik imressqa sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu għal annullament.

150. Sa fejn ġiet konkluża n-natura fondata tal-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, huwa propost li tintlaqa' t-talba għad-danni billi jiġi ddikjarat li l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża jikkostitwixxi kumpens adegwat għal kull dannu morali li l-appellant seta' ġarrab f'dan il-każ.

VI. Spejjeż

151. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

45 Ara s-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92 P, EU:C:1994:211, punt 42), u tat-12 ta' Lulju 2011, Il-Kummissjoni vs Q (T-80/09 P, EU:T:2011:347, punt 42).

152. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba.

153. F'dan il-każ, l-appellant talab lill-Qorti tal-Ġustizzja, wara li tressqet il-kawża, li tilqa' t-talbiet tiegħu mressqa fl-ewwel istanza, inkluża l-kundanna għall-ispejjeż tal-konvenuta, f'dan il-każ il-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa ma talabx li l-Kunsill jew il-Kummissjoni jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż sostnuti minnu fil-kuntest tal-proċedura ta' appell.

154. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hija għandha tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha relatati maż-żewġ istanzi, dawk sostnuti mill-appellant u relatati, skont it-talbiet tiegħu, mal-proċedura tal-ewwel istanza, filwaqt li l-appellant għandu jbati l-ispejjeż tiegħu relatati mal-proċedura tal-appell. Il-Kunsill għandu jbati l-ispejjeż kollha tiegħu.

VII. Konklużjoni

155. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1) tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Mejju 2018, HK vs Il-Kummissjoni, (T-574/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:252);

2) tiddikjara l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea mhux validu, sa fejn jipprovdi li l-konjuġi superstiti għandu jkun ilu miżżewweġ għal minn tal-inqas sena sabiex ikun jista' jibbenefika mill-pensjoni tas-superstiti, bi ksur tal-ugwaljanza tad-drittijiet stabbilita fl-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

3) tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tirrifjuta li tagħti lill-appellant il-pensjoni tas-superstiti;

4) tikkundanna lill-Kummissjoni tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha marbuta maż-żewġ istanzi, dawk sostnuti mill-appellant u relatati mal-proċedura tal-ewwel istanza, filwaqt li l-appellant għandu jbati l-ispejjeż tiegħu relatati mal-proċedura tal-appell, u tgħid li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż kollha tiegħu.